**41. L-Onor Joe Mizzi ppropona:-**

Illi fid-9.10 p.m. ta' nhar is-Sibt 19 ta' Dicembru 1998 Seduta Nru 45 l-Onor Michael Bonnici *Deputy Speaker* ta s-segwenti *ruling*:

"Il-punt li dwaru ser jingħata dan ir-*ruling* huwa dwar kif is-Sedja għandha tqis il-vot meta jintalab vot fil-Kamra.

Meta jintalab vot fil-Kamra l-konswetudni hi illi s-Sedja tqis illi l-vot jgħaddi skond in-numru rispettiv taż-żewg naħat tal-Kamra. Is-Sedja rat ir-*ruling* mogħti minnha fis-seduta Nru 241 ta' l-14 ta' Lulju 1998. F'dik is-seduta Membru min-naħa tal-Gvern kien diġà ddikjara li ma kienx jaqbel ma' l-emendi li kienu tressqu mill-Gvern. Meta jiġri hekk, u ċioè meta Membru minn naħa jew oħra jivvota mhux skond il-vot tal-grupp tiegħu, allura s-Sedja trid tara x'inhu eżattament il-vot tal-Kamra skond l-artiklu 71 tal-Kostituzzjoni fin-nuqqas ta' Ordni Permanenti li tirregola l-materja. Hekk għamlet dak inhar is-Sedja, peress li kif diġà ntqal Membru tal-Gvern kien iddikjara li ma jaqbilx ma' l-emendi proposti mill-Gvern.

F'din l-okkażjoni tal-lum ma kien hemm ebda indikazzjoni minn ebda naħa li xi ħadd mill-Membri kien se jivvota kontra l-mod kif kien se jivvota l-grupp parlamentari li għalih jappartjeni. Allura s-Sedja tqis li jkunu vvotaw il-membri kollha skond il-forza numerika ta' kull naħa, u sakemm ma tintalabx *division* il-kwistjoni titqies li ġiet deċiża skond dik il-forza numerika. Hekk ġara f'dan il-każ u s-Sedja ddikjarat li l-klawsola għaddiet."

Illi dan ir-*ruling* imur kontra ieħor li ngħata fis-Seduta 241 ta' l-14 ta' Lulju 1998.

Għaldaqstant b'riferenza ghall-artiklu 62 ta' l-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra tad-Deputati qiegħed jintalab "li din id-deċiżjoni tigi riveduta u li jsir rapport fuqha mill-Kamra".

21.12.98